**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 9 ta` Marzu 2020**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Stephen J. Gatt)**

**Vs**

**GUZEPPI MAGRI**

Kump Nru. 281/2004

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Guzeppi Magri** detentur tal-Karta tal-Identita' **739945M** u akkuzat talli;

1. Fl-4 ta' Far, 2002 u snin qabel din id-data f' dawn il-gzejjer b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmulha b' rizoluzzjoni wahda b' eghmil zieni ikkorrompa lil ruth Cutajar, persuna li kienet taht l-eta' u dan bi ksur tal-artikoli 203 u 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Talli fl-1 t' April, 2004 u snin ta' qabel din id-data f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, bil-hsieb li jestorci flus jew xi haga ohra jew li jaghmel xi qligh jew bil-hsieb li jgieghel lil Ruth Cutajar taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra Ruth Cutajar, jew li jaghti lilha malafanma jew lil persuna ohra u dan bi ksur tal-artikoli 250 u 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Talli fl-1 t' April, 2004 u snin ta' qabel din id-data f' dawn il-Gzejjer b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, uza vjolenza sabiex igieghel lil Ruth Cutajar taghmel, thalli jsir, jew tonqos milli taghmel xi haga u dan bi ksur tal-artikoli 251 u 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Talli fl-15 u 16 ta' Marzu 2004 u snin ta' qabel f' dawn il-Gzejjer b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, offenda il-pudur jew il-morali b' eghmil li sar f' lok pubbliku jew flok espost ghall-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 209 u 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Talli fil-15 u 16 ta' Marzu, 2004 u snin qabel f' dawn il-Gzejjer b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru listess dispozizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda, ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur ta' Ruth Cutajar u dan bi ksur tal-artikoli 207 u 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Talli fis-snin qabel is-16 ta' Marzu, 2004 ghal qligh jew ghat-tqassim jew ghall-wiri f' post pubbliku jew f' post accessibli ghall-pubbliku,

immanifattura, stampa jew xort' ohra ghamel jew dahhal f' Malta jew akkwista zamm, iccirkola jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxen jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jek jixbah lil dawn t' hawn fuq kemm jekk le u dan bi ksur tal-artikolu 208 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Talli fil-15 u 16 ta' Marzu, 2004 u snin ta' qabel din id-data f' dawn il-Gzejjer b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b' rizoluzjoni wahda, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta lil Ruth Cutajar, zamma jew issekwestra lilha kontra l-volonta taghha jew tal-post biex fih Ruth Cutajar tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata u dan bi ksur tal-artikoli 86 u 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Talli fil-15 u 16 ta' Marzu, 2004 u snin qabel din id-data f' dawn il-Gzejjer b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b' risoluzzjoni wahda ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Ruth Cutajar sew b' arma li taqta' u bil-ponta u sew minghajr u dan bi ksur tal-artikoli 221 u 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Talli fl-1 t' April, 2004 u snin ta' qabel din id-data f' dawn il-Gzejjer b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, hebb kontra l-persuna ta' Ruth Cutajar sabiex jingurja, jdejjaq jew jaghmel hsara lilha u dan bi ksur tal-artikoli 339(d) u 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. Talli fl-1 t' April, 2004 u snin ta' qabel din id-data f' dawn il-Gzejjer b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, hebb kontra l-persuna ta' Ruth Cutajar ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat ingurja b' mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-artikoli 339(d) u 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

11. Talli fil-15 u 16 ta' Marzu 2004 u snin ta' qabel din id-data f' dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu u garr arma tan-nar u minizzjon minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kap.66 tal-Ligijiet ta' Malta.

12. Talli fil-15 u 16 ta' Marzu, 2004 u snin ta' qabel din id-data f' dawn il-Gzejjer, waqt li gie fil-pussess tal-arma tan-nar u munizzjoni, ma tax avviz immedjat lill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kap.66 tal-Ligijiet ta' Malta.

13. Talli fil-15 u 16 ta' Marzu 2004 zamm u garr arma li taqta u bil-ponta minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummisarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kap.66 tal-Ligijiet ta' Malta.

14. Talli fl-1 t' April 2004 u snin qabel id-data b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b' risoluzzjoni wahda uza xi Sistema jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew u dan bi ksur tal-artikoli 39(1) tal-Kap.399 u 18 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat li dawn l-Atti ntbaghtu quddiem din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013 peress li l-Magistrat li kien jippresjedi gie elevat ghal Imhallef;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tad-19 ta` Awwissu 2005 li jinsab a fol. 414 u l-kunsens ta` l-imputat kif jirrizulta mill-verbal tal-udjenza tat-2 ta` Novembru 2015 li jinsab a folio 543;

Qieset li hadd mill-partijiet ma ghamel sottomissjonijiet finali;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta` Gunju 2019 kif jidher a folio 557;

Tippuntwalizza illi dawn l-atti kellhom jigu rikostruwiti wara li kienu gew, flimkien ma processi ohra, severament danneggjati in segwitu ghal hruq li kien hakem l-Awla fejn kienu qed jinzammu nhar it-12 ta` Lulju 2004;

**Ikkunsidrat**;

Illi dak li rrizulta f'dan il-procediment huwa in succinct is-segwenti.

**Xhieda ta' L-Ispettur Stephen Gatt a fol. 17 et seq** fejn jispjega li fid-19 ta' Marzu 2004, ghall-habta ta' l-ghaxra ta' filghaxija (10:00pm) Ruth Cutajar ghamlet rapport mal-pulizija fejn stqarret li xi tlett ijiem qabel, fid-19 ta' Marzu certu Joe Magri, kien taghha daqqa ta' sikkina u xeba u li Joe Magri kien il-partner taghha. Irrizulta li l-vittma u s-sur Magri kienu fil-karozza sejrin minn Triq is-Sajjied, iz-Zurrieq ghal-Had-Dingli fil-karozza tieghu li dak iz-zmien kienet Piaggio CAT709 ta' kulur abjad. Irrizulta li kellhom argument fil-karozza u s-sur Magri beda jheddidha bil-kliem u b'sikkina li kellu f-idejh. F'hin minnhom laqatha fuq in-naha tal-genb tal-kustilji u kella "point five centimeter (0.5cm) laceration".

Il-vittma sostniet li ma xtaqitx tibqa mieghu u malli waslu propju hdejn l-irdum ta' Had-Digli s-sur Magri pparkja il-van b'mod li n-naha tal-passiggier kien issikkat mal-hajt u heddidha li kien ser jitfahha minn fuq l-irdum. Is-sitwazzjoni bdiet kollha minhabba li l-vittma certu Ruth Cutajar ma riditx tibqa mieghu u l-akkuzat ma setax jaccetta dan il-fatt. Il-vittma sostniet li mbaghad marru vicin ta' Ghar Hasan u bl-istess mod l-akkuzat rega beda bit-theddid. Din l-istorja sehhet fil-lejl ta' bejn il-15 u 16 ta' Marzu 2004.

L-vittma sostniet li kien wara dan l-incident li hija infurmat lill-genituri taghha b'li kien qed jigri. Spjegat ukoll li fil-granet ta' wara dan l-incident s-sur Magri cempel diversi drabi biex jheddidha u jirrikattaha.

Fit-23 ta' Marzu 2004 rega sar rapport iehor minn Ruth Cutajar fejn sostniet li qed tigi mhedda u rikattata minn Guzeppi Magri. Ikkonfermat li s-sur Magri kien qed imur quddiem il-bieb tar-residenza fejn hi tirrisjedi u joqod icemplilha.

L-ispettur spjega li Ruth Cutajar spjegatlu minn naha taghha li hi kellha relazzjoni intima ma l-akkuzat minn meta kellha biss 13 il-sena. Kienu jqattghu l-maggoranza tal-gurnata flimkien u ma kellhomx limitu biss filghaxija dejjem hi kienet toqod id-dar taghha u hu kien imur jorqod ghand l-ex mara tieghu. Ix-xhud spjega li skond ma qaltlu Ruth Cutajar, s-sur Magri kien jagixxi bi vjolenza fejn anke sawwat lil Ruth u heddidha li ha joqtolha diversi drabi. Ruth Ciantar kompliet tispjegalu li kien sar xi video bejnha u s-sur Magri fejn hu gieghelha tiehu video bla hwejjeg u taghmel certu affarijiet bil-vibrator.

Ix-xhud spjega wkoll li kien sar rapport minhabba li certu Carmelo Cutajar u huh kienu marru gewwa l-Imsida bejn l-Ghajn tal-Hasselin u l-Kazin tal-Labour u kienu tajru lis-sur Magri. Spjega li minn hemmhekk bdiet investigazzjoni fuq attentat ta' omicidju u rrizulta wkoll li hareg il-kaz in ezami.

Wara li kienet bdiet din l-investigazzoni, sar search fid-dar tas-sur Magri l-imputat fejn kien prezenti huwa wkoll. Mis-search inhargu s-segwenti oggetti - vibrator, jar tal-vaseline, xi pillola tal-viagra u ohra simili tal-ghamla “siaselis' kif wkoll instab Video Camera Camcorder li allegatament intuza ghall-filmat. Instab ukoll hair trimmer li skond l-imputat stess kien juzaha fuq Ruth Cutajar. Ikkonferma biss pero li l-video ma nstabx.

**Xhieda ta' Ruth Cutajar fil-15 ta' April 2004 a fol. 43 et seq** fejn stqarret li lil Joseph Magri kienet tafu inizzjalment ghaliex kera il-hanut ta' missierha meta kellha biss 13 il-sena. Spjegat li s-sur Magri minn ftit biss wara li sar jafha u cioe waqt li kien ghad kellha 13 il-sena, li dahlet tahdem mieghu minhabba li kien kera confectionery minghand missierha u ftit wara beda jittantaha kemm bil-

kliem kif ukoll bil-gesti billi gieli kien jaqbdilha l-parti privata tal-gisem. Spjegat li madwar meta kellha 13 il-sena kienet waqghet ghat-tentazzjoni u bdiet relazzjoni mieghu u kellha x'taqsam mieghu b'mod sesswali permezz ta' tbaghabis bl-iswaba u mbaghad meta kellha 14 il-sena wara biss ftit zmien kienu bdew jaghmlu anke sess bil-penetrazzjoni. Gie osservat li fid-data tax-xhieda x-xhud kellha 20 sena waqt li l-imputat kellu 58 sena.

Ix-xhud spjegat ukoll li meta ghalqet is-sittax il-sena l-imputat kien beda jsawwatha b'mod vjolenti u jsir possessiv waqt li fl-istess hin beda jivvinta li hi qed tmur max-xufier li kien jigborha mill-iskola li kienet tattendi li dak z-zmien kien l-Immaculate Conception. Kien ukoll imur jigborha minn barra l-iskola minflok ihallieha tirkeb fil-van waqt li jsawwatha. Dan l-abbuz u swat kompla sa ma kellha tmintax il-sena meta kien ukoll qalilha li ser jixtrilha mobile bil-camera sabiex ikun jaf ezatt fejn tkun u jkun jista jghidilha tibghatlu ritratti bil-hin ta fejn tkun. Kompliet tispjega li parti miss-swat li kien ikollha kien fuq wiccha tant li kienet daba marret ukoll taghmel xi punti fuq ghajnejha kif ukoll spjegat li darbtejn waqt li kienu god-dar ta missier l-imputat, kien nezzahha gharwiena huta u sawwatha bic-cintorin minhabba li haseb li qed tmur ma rgiel ohra. Spjegat li hafna drabi kien jirnexxielha tatti id-daqqiet u t-tbengil pero dan ma kienx dejjem possibli ghaliex gieli kien jtiha fuq wiccha u rasha wkoll.

Kien f'Awwissu tas-sena 2003 li x-xhud marret tkellem ghall-ewwel darba Social Worker bl-isem Nicolette li tahdem l-Appogg fuq il-problema taghha. Spjegat li apparti swat l-imputat darba kien ukoll gieghelha taghmel video taghha gharwiena tilghab b'*sex toy* waqt li hu gibed filmat li eventwalment spicca uza bhala *blackmail* sabiex jikkontrollaha. Meta ingibed il-filmat huma kienu gewwa ir-residenza ta' Hal-Qormi u skond il-vittma l-kliem tal-imputat kienu li jekk ma taghmilx il-video mhux ser tohrog hajja mir-residenza.

Grajja ohra li spjegat il-vittma saret fil-bidu tas-sena 2004 meta hija harget taghmel qadja ghal ommha ma hutha u marru sal-Confectionery, pero qabel ma telqet minhabba li l-imputat kien possessiv baghtitlu messagg li kienet sejra tixri. Gara li sabha barra il-hanut u wara li ra tkellem lil certu James, hareg barra warajha u beda jghajjat maghha u sawwatha u qalilha tistenna x’kien gej dak il-lejl. Dakinhar stess madwar id-disgha ta' filghaxija cemplilha fuq il-mobile u qalilha biex tohrog mid-dar. Hija harget minhabba li kienet imbezza u hu hadha lejn Had-Dingli u beda jsawwatha u jtiha bil-ponn waqt li wkoll hareg sikkina

griza mil-glove compartment u beda jxejjirha fil-karozza. Ix-xhud kienet imsakkra bic-cintorin u beda jsuq halli ma tkunx tista taqbez. Eventwalment waqaf Had-Dingi bil-bieb tax-xhud issikkat mal-hajt u kompla jsawwat. Eventwalment harigha mill-karozza u beda jhedded li ser jitfahha ghal isfel u li hija ma kinitx sejra lura d-dar waqt li hu kien sejjer kordin jew l-ghassa. Ix-xhud spjegat li kienet liebsa qalziet ahmar bl-istripes bojod u li waqt li kien qieghed jigbidha l-imputat, indunat li kellha daqqa ta' sikkinha f'genbha fil-left hip. Wara hadha Ghar Hasan u s-swat kompla tant li fl-ahhar il-vittma hasset li ma tistax taqla aktar swat. Eventwalment l-imputat spicca hadha lura d-dar u wara dakinhar ix-xhud bdiet tevita li tohrog mid-dar minhabba l-ugiegh, tant li jumejn wara talbet lill-ommha ggib t-tabib tal-familja li kien Dr. Toni Gauci. Ix-xhud spjegatlu l-verita' kollha u eventwalment spicca qal lill-ommha bl-istorja kollha. Wara li sar jaf missier l-vittma, hadha immedjatament l-Ghassa sabiex taghmel rapport.

L-vittma spjegat li wara dakinhar l-imputat kien josserva kollox u jiffolowja il-familja kollha taghha, kif wkoll joqghod barra r-residenza tal-familja taghha minn kmieni. Minkejja li kienu saru diversi rapporti l-pulizija dejjem wiegbu li ma setghux isibu lill-imputat waqt li l-familja tal-vittma dejjem sabuh ma wicchom jiffolowjahom. Il-vittma spjegat li ghamlet gimghatejn ma tohrogx mid-dar u lanqas ma tmur l-iskola bil-biza li kellha. Dan kompla sa ma gara l-incident li nvolva lill-missierha.

Ix-xhud mistoqsija in kontro-ezami kkonfermat li qabel l-ahhar incident, qatt ma kienet fethet qalbha ma familjari taghha fuq l-esperjenza li kienet ghaddejja minnha. Spjegat li l-imputat kien gieli wkoll jaghtiha rigali li jinkludu deheb, mobiles u arloggi fost ohrajn pero x-xhud dejjem kienet tahbi tali rigali biex ma jindunawx tal-familja.

Ix-xhud spjegat li fl-ahhar sena ta meta kienet l-universita qabel ma sar r-rapport ma kienx hemm hafna okkazzjonijiet ta' swat, sa ma wasal l-ahhar incident ta' Had-Dingli li wassal ghar-rapport. Kompliet ukoll fejn ikkonfermat li s-swat b'certa vjolenza beda meta hi kellha sittax il-sena u kienet ghadha l-Immaculate Conception bhala skola. Ix-xhud spjegat li kienet dejjem tara kif sejra tahbi s-swat li kien ikollha u meta s-swat kien vizibbli fuq wiccha kienet anke ma tmurx skola jew tuza l-foundation. Sostniet ukoll li kienet tigdeb lil ta` madwara biex taghtti.

In kontro ezami ulterjuri l-vittma ssostni li kienet ghamlet ukoll xi covers tas-snien sabiex tirranga snienha pero kienet qalghet xi xeba minghand l-imputat tant li ma setghetx tiekol u l-covers kellhom jigu sostitwti minn crowns permanenti. Id-dentist ghal dawn il-proceduri kien certu George Sciberras.

Jirrizulta li skond ix-xhud, missierha qatt ma kien ikun jaf bir-relazzjoni li kellha mal-imputat, pero darba minnhom induna b'din ir-relazzjoni ghax rahhom flimkien u kien kecciha mid-dar sakemm taqta r-relazzjoni u minflok x-xhud marret torqod fil-post ta' Magri.

Ix-xhud ikkonfermat li mhux l-ewwel darba li s-sur Magri kien dahal fir-residenza taghhom anke fil-prezenza ta' ommha minhabba li kien igib ix-xirja mill-hanut, u spjegat li mhux l-ewwel darba li l-imputat kien jidhol anke fil-kamra tas-sodda taghha waqt li ommha tkun id-dar pero qatt ma kien isir xejn.

Il-Qorti rat l-ittra pprezentata a fol 127 et seq.

Rat ukoll ic-certifikat mediku tal-vittma datat 19 ta' Marzu 2004 pprezentat a fol 161 iffirmat mit-tabib Dr. Lars Aakeroy.

**Xehed Carmel Cutajar fil-22 ta' April 2004 a fol. 162 et seq** fejn ikkonferma li hu kien kera hanut gewwa Hal-Safi lill-imputat madwar seba snin qabel ghal perjodu ta bejn sentejn u tlett snin. Ix-xhud qal li ftit li xejn kien jaf lill-imputat qabel l-incident. Sostna li madwar id-dsatax ta' Marzu 2004 huwa kien qieghed id-dar meta sema lill-mara fuq it-telephone u tghid id-diskors li ser ddahhal il-pulizija. Ix-xhud immedjatament mar fuqha sabiex jistqasi x'gara u wara li qaltlu li t-tifla kienet giet imsawwta huwa kkonferma dan ghaliex ra griehi u tbengil huwa stess fuq wiccha, idejha u genbejha.

Irrizulta li meta sar jaf dan, ix-xhud mar immedjatament l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq mat-tifla sabiex isir rapport. Kien biss propju gewwa l-Ghassa tal-Pulizija li sar jaf bid-daqqa ta' sikkina li kellha. Mill-Ghassa x-xhud u bintu marru jgibu certifikat mill-isptar u marru lura l-Ghassa sabiex jipprezentaw ic-certifikat.

Skond ix-xhud, il-pulizija kienu wkoll lahqu kellmu lill-imputat sabiex ihalli lill-vittma bi kwieta. Wara dan sar rapport iehor id-depot tal-pulizija fejn kienu marru hu u bintu. Wara dan pero x-xhud sostna li beda ta' sikwit jara lill-imputat isegwih. U kien ukoll josserva lill-bqija tal-familja u jibghat diversi messaggi ta' theddid anke wara li kienu saru r-rapporti mal-pulizija. Ix-xhud ikkonferma li s-sur Magri kien gieli dahal d-dar ghandhom meta kien jikri l-hanut ghax kien jidhol bix-xirja pero apparti dak z-zmien ix-xhud ma jaf b'ebda okkazzjoni ohra. Gara li fil-1 ta' April 2004 il-bicca skalat.

**Xhieda ta' Catherine Cutajar, fil-22 ta' April 2004 a fol. 175 et seq** li tigi omm il-vittma fejn ikkonfermat r-relazzjoni ta' l-imputat maghha u cioe li omm l-imputat tigi il-kugina ta' missier ix-xhud. Ikkonfermat li l-imputat kien kera hanut minghand il-familja taghhom kif ukoll li meta l-vittma kellha biss tlettax il-sena kienet tghinu u tahdem xi sieghat fil-hanut. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li gieli kien imur id-dar taghhom minhabba li kellu l-hanut mikri lilu, kienu jitolbuh sabiex igibilhom ix-xirja peress li x-xhud ma kienitx issuq, pero sostniet li meta waqaf jikri l-hanut ma baqghux jarawh izjed u ma baqax jiffrekwenta r-residenza tal-familja Cutajar.

Ix-xhud spjegat li indunat li bintha giet lura d-dar b'xi griehi, darba b'fetha fuq ghajnejha u darba ohra b'hafna tbengil qisha qalghet xi xeba. Sostniet pero li Ruth Cutajar dejjem kienet tivvinta xi skuza jew tghatti l-griehi li kellha billi tghid li waqghet jew li ggieghldet.

Kompliet tghid li madwar Marzu tas-sena 2004 bintha kienet qaltilha li mhux sejra l-iskola minhabba li ma tiflahx, u meta semghet dan, ix-xhud spjegat li kienet ser iccempel tabib biex jinvistaha. Eventwalment Catherine Cutajar gabet lit-tabib Dr. Gauci miz-Zurrieq stess sabiex jinvistaha. Wara li dahal it-tabib wahdu sabiex jezaminaha, hareg u informaha li bintha kienet qalghet daqqa ta' sikkina taht zaqqha u kien hemm li x-xhud saret taf li bintha qalghet daqqa ta' sikkina taht zaqqha. Meta pprovat tintervjeni Ruth Cutajar qaltilha sabiex ma tiehux azzjoni u hedditha li jekk tikxef kienet ser tmur taqbez. Wara xi jumejn tithasseb fuq li gara x-xhud spjegat li kien daqq darba t-telephone tad-dar taghhom u kien cempel Joseph Magri li qalilha sabiex tinforma lit-tifla biex tieqaf tittantah, u wara li x-xhud nnegat dan, informatu li kienet ser titlob l-assistenza tal-pulizija sabiex jiehdu azzjoni. Gara li meta hija qalet dan id-diskors fuq it-

telephone kien semahha r-ragel taghha u ddecieda dak il-hin stess li jiehu lill-binthom l-ghassa sabiex jaghmlu rapport.

Bejn id-data tat-telefonata madwar nofs Marzu 2004 u l-ewwel ta' April ta' l-istess sena wara li sar ir-rapport, ix-xhud spjegat li l-imputat kompla jirrikatta lill-familja taghha tant li kien icempel lit-tifla u jibghatilha messaggi ta' rikatt. Spjegat li kien joqghod wara l-bieb taghhom jissorvelja u jiffolowja lill-familjari, tant li ddecidew li lill-binthom Ruth ma jibghatuwiex l-iskola minhabba l-biza li kellhom.

Spjegat li di piu, l-imputat kien qed imur fuq il-post tax-xoghol tar-ragel, jqassam l-ittri, baghat messaggi fuq il-mobile tat-tifel kif wkoll tat-tifla sabiex jirrikatta l-familja kollha. L-ittri kollha li intbaghatu gew moghddija lill-pulizija.

Ix-xhud ikkonfermat l-istorja tal-15 ta' Marzu 2004 meta baghatet lill-vittma ma ohtha sabiex tixtri mill-confectionery u kkonfermat li fit-tmienja u nofs rat lill-vittma hierga mir-residenza taghhom u li l-ghada filghodu kienet ma tiflahx fil-kamra tas-sodda u kellha bzonn l-assistenza tat-tabib.

**Xehdet is-Social Worker Colette Maskovic fit-22 ta' April 2004 a fol. 190 et seq** fejn din ikkonfermat li l-ewwel darba li kienet rat lill-vittma kien fl-20 ta' Awwissu 2003 u l-vittma kienet kelmitha fuq ir-relazzjoni li kellha ma ragel li kellu fil-hamsinijiet li kien jikkontrollaha u kienet ilha tafu minn mindu kellha tlettax il-sena. Tkellmet partikolarment fuq il-video li ttiehed kif ukoll fuq is-swat fejn hi personalment darba rat sinjali kif ukoll fuq kif il-parir taghha kien li tirrikorri ghand il-pulizija.

**Xehed Mario Cutajar fil-11 ta' April 2005 a fol. 300 et seq** fejn spjega li huwa jigi hu Carmelo Cutajar u cioe missier il-vittma u kien ircieva zewg ittri u cioe envelopes, wahda minnhom id-dar li kienet gabritha il-mara tieghu u tatha lill-bint Carmelo Cutajar u iehor li ingabar minn fuq il-vettura tieghu mill-pulizija fil-1 ta' April 2004 minn fuq is-sit tal-incident tal-imsida. Xehed li fuq wiehed mill-envelopes kien hemm miktub il-kliem Guzi ta' Konsa li x-xhud gharaf bhala l-imputat. Ix-xhud kompla jghid li fil-1 ta' April 2004 huwa kien qieghed jahdem fuq il-faccata tal-blokk tal-Housing tal-Imsida u fuq erbgha okkazzjonijiet separati f'medda ta` siegha u nofs ra lill-imputat fil-vicinanzi qabel ma sar l-incident fejn Giuseppe Magri ttajjar bil-karozza minn Carmelo Cutajar.

**Xehdet Lily Cutajar fil-11 ta` April 2005 a fol. 322 et seq** fejn ikkonfermat li hija tigi l-mara ta' Mario Cutajar u li hija kienet li sabet l-envelope fil-letterbox tar-residenza ta' Mario Cutajar indirizzata lil Carmelo Cutajar fil-1 ta' April 2004 u gharrfet l-envelope li jinsab a fol. 126 fil-process.

**Xehdet Lycia Barbara fil-11 ta` April 2005 a fol. 326 et seq** fejn stqarret li hija tigi omm it-tifla li kienet tohrog mat-tifel ta` Charlie Cutajar fiz-zmien tal-incident. Hija xehedet li rceviet ittra ftit qabel l-ghid tas-sena 2004 u gharfet l-ittra li rceviet fil-letter box indirizzat lil Charlie Cutajar li jigi hu Ruth Cutajar a fol. 116 tal-process.

**Gie pprezentat rapport mill-espert Martin Bajada fid-19 ta' Lulju 2005 a fol. 339** wara li kien ezamina l-kontenut ta' diversi cellulari u video camera fuq nomina tal-Qorti.

**Xehed Carmel Cutajar (junior) fid-19 ta` Lulju 2005 a fol. 386 et seq** fejn kkonferma li huwa kien fuq is-sit tal-Imsida fil-1 ta' April 2004 u ra lil Guzeppi Magri jqieghed l-envelopes personalment kemm fil-van kif wkoll fuq il-vettura ta' Mario Cutajar. Ikkonferma wkoll li dawk l-envelopes gew moghddija wkoll lill-pulizija.

**Xehdet Paula Cutajar fid-19 ta` Lulju 2005 a fol. 394 et seq** fejn ikkonfermat li hi kienet taqsam kamra mal-vittma u ma kienx l-ewwel darba li rat tbengil jew sinjali ta' agressjoni inkluz il-marki tad-daqqa tas-sikkina. Ikkonfermat li darba ratha bil-punti fuq il-hugbejn u darba wkoll bi snienha mkissrin. Ikkonfermat ukoll il-grajja ta' meta marru jixtru hi u ohtha u raw lis-sur Magri barra l-hanut, spjegat li dak il-lejl Ruth Cutajar kienet marret hdejha qabel ma harget dak il-lejl ta' Had-Dingli u Ghar-Hasan u infurmatha li kienet sejra tohrog. Sussegwentement l-ghada filghodu hi stess rat il-farret tas-sikkina li kellha l-vittma fuq ix-xellug ta' gisimha u kkonfermat li wara dan is-sur Magri aktar beda jsir ossessiv u jmur jissindika wara l-bieb tad-dar taghhom u aktar jibghat lill-vittma messagg ta' theddid b'mod regolari. Spjegat li minkejja li kienet taf bir-relazzjoni ta' Ruth u Guzeppi Magri, ommha ma kinitx tkun taf sa ma gara l-incident tas-sikkina. Biss pero x-xhud ikkonfermat ukoll li s-sur Magri kien ukoll jaghti rigali lil Ruth Cutajar.

Rat ir-rapport mediku esebit u li jinsab a fol. 444 mahrug mid-dipartiment ta` l-emergenza u datat 19/03/2004;

**Xehdet l-ispettur Louise Calleja fil-15 ta` Gunju 2007 a fol. 455 et seq** fejn ikkonfermat li suppost fil-1 ta' April 2004 il-vittma kellha appuntament id-Depot tal-pulizija biss ma deheritx ghal dan l-appuntament u wara dan, l-ispettur saret taf li kien gara incident dakinhar stess gewwa l-Imsida.

**Xehed id-Dentist George Sciberras fit-23 ta` Lulju 2007 a fol 466 et seq** fejn spjega li hu kien ha hsieb il-procedura tal-crowns tal-vittma u li d-danni li kellha f'halqha huma kompatibbli ma daqqa.

**Xehed it-tabib Dr. Anthony Gauci fis-6 ta' Dicembru 2007 a fol. 484 et seq** fejn spjega li huwa fiz-zmien li sar l-incident kien it-tabib kemm tal-imputat kif wkoll ta' Ruth Cutajar. Dan ikkonferma li kien mar sabiex jinvista lil Ruth Cutajar madwar tlett snin qabel fuq talba ta' ommha u ra il-gerha li kellha li kien evidenti li saret minn strument bil-ponta. Iddikjara li waqt tali visita, Ruth kienet talbet lil ommha sabiex tohrog u l-vittma tkun tista tkellem lit-tabib wahdu. Ikkonferma li inizzjalment il-vittma ma riditx taghmel certifikat ghax kienet imbezza u ma riditx tmur l-ghassa u hu ma ghamlux ghax ma riedx ikun hu li jibda il-problemi partikolarment meta kienu ghadhom mhux involuti l-pulizija.

Dan hu bazikament dak li rrizulta f'dan il-process.

**Ikkunsidrat;**

Illi minn ezami akkurat tar-rizultanzi processwali l-Qorti hi tal-fehema li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha kontra l-imputat skond il-ligi.

Irrizulta ghalhekk illi l-imputat, meta kellu madwar 55 sena beda jittanta, anke jekk verbalment, lil Ruth Cutajar meta din kellha biss 13-il sena. Naturalment hija kienet f'eta vulnerabli hafna. Minflok ma' ra kif ipprotega lil minuri, huwa

ipproceda ghal abbuz emozzjonali u fi ftit gimghat dan l-abbuz ghadda ghal wiehed fiziku/sesswali billi kien jittantha billi jmiss il-parti privat tal-minuri, apparti affarijiet ohra. Fi ftit granet, l-imputat ghadda ukoll ghall-penetrazzjoni.

Ruth Cutajar kienet vulnerabli u ma kinitx f'qaghda li tirrezisti. F'ghemilu l-imputat kien kodard. Assuma lejh lil Ruth Cutajar bhala oggett biex jissodisfa il-pjacir sesswali tieghu. Dan ma jidhirx li kien bizzejjed. L-imputat sar possessiv u bilmod kif kien jikkontrolla lil Ruth Cutajar, irrizulta li kien holoq anzejta enormi u l-agir tieghu kien asfiksjanti.

Il-possessivita tieghu waslitu ukoll sabiex fuq Ruth Cutajar jezercita kontroll assolut u sahansitra huwa kien anke jsawwatha. Fl-ahhar huwa ukoll uza vjolenza permezz t' arma – sikkina – u li biha kien anke feriha.

L-imputat kien jaf x'qed jaghmel u hu rid jaghmel dak li effetivament ghamel.

Ghal dan, l-imputat irid ihallas.

**Ikkunsidrat;**

Illi in tema ta` piena din il-Qorti tirrileva minghajr tlaqlieq li dak li ghamel l-imputat fil-konfront ta` Ruth Cutajar hu ta` min jistmerru u wisq kundannabbli. Il-ligi ghandha tkun iebsa ma persuni bhal dik ta` l-imputat, li jkun abbuza serjament mill-vulnerabilita` ta` persuna ta` eta` tenera. Dak li ghamel l-imputat lil Ruth Cutajar ma ghandhux jithalla jsehh f'socjeta` civili u meta jsehh ghandu jigi milqut bis-sahha kollha li tippermetti l-ligi.

**Decide.**

**Ghall-motivi premessi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 86, 203, 208, 209, 221, 250, 251, 339(1)(d)(e) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 2, 3, 13 u 19 tal-Kapitolu 66, u l-Artikolu 39(1) tal-**

**KAPITOLU 399, ILKOLL TAL-LIGIJIET TA` MALTA, SSIB LILL-IMPUTAT HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA KIF DEDOTTI KONTRA TIEGHU U TIKKUNDANNAH KOMPLESSIVAMENT GHALL-PIENA TA` PRIGUNERIJA TA` HAMES (5) SNIN U MULTA TA` ELFEJN EWRO (€2000).**

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur